MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Numru. 16/2000
Kawza Numru. 18

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Vincent Camilleri, bin Victor, Karta tal-Identita’ numru 3073 (G), akkuzat talli fit-28 ta’ Mejju 1999, ghall-habta ta’ xi 1.30 pm, fi Triq Sir Mikelangelo Refalo, Victoria, volontarjament, ghamilt hsara fuq il-vettura Nru GBG 631, ta’ l-ghamla, [kliem nieqes fl-akkuza] ghad-dannu ta’ Geroge Zammit, minn Victoria, liema hsara tiskorri il-Lm50 izda mhux il-Lm500;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwiegeb ghal din l-akkuza wara rapport minn George Zammit illi dakinhar stess l-imputat kien ghamillu hsara fil-vettura

tieghu konsistenti fi brix fuq il-windscreen u daqqa fuq quddiem tal-istess vann u dan wara argument bejn it-tnejn;

Illi skond il-kwerelant, huwa ried johrog bil-vettura tieghu izda ma setax minhabba l-mod kif kienet ipparkjata vettura ohra fl-istess triq.  Din il-vettura kienet ta' hu l-imputat u dak il-hin kien ghaddej l-imputat meta il-kwerelant qallu biex ma jhallix il-vettura hemmhekk ghaliex ikun irid johrog.  George Zammit qal ukoll illi minnufih l-imputat habat ghall-vann u beda jobrox il-windscreen b'mazz cwievet li kellu f'idu u ta daqqa fuq il-quddiem tal-istess vann;

L-imputat cahad illi huwa ghamel il-hsara lamentata minkejja li jikkonferma illi mess il-windscreen bil-pala t'idu izda ma jistax jaccetta li ghamel il-hsara rappurtata mill-kwerelant;

Xhud indipendenti qal illi hu ra u sema l-incident kollu. Huwa spjega lill-Qorti kif hu l-imputat kellu l-vettura tieghu ipparkjata fuq in-naha l-ohra tat-triq u ftit aktar 'l hinn mill-hanut tal-kwerelant minn fejn ried johrog George Zammit bil-bettura tieghu.  Dak il-hin kien ghaddej l-imputat u malli rah Geroge Zammit, dan ta' l-ahhar hatfu u beda jiehdu bil-herra.  L-imputat wiegbu li l-vettura ma kienitx tieghu izda kien sejjer jghid lil-huh biex inehhijha izda l-kwerelant infexx f'daghdiha shiha kontra l-imputat u beda joffendih personalment u anke b'ommu.  Wara li hu l-imputat hareg u nehha l-vettura, l-kwerelant rega beda joffendi lill-imputat u omm l-kwerelant  haregt tissolecita lill-binha biex jidhol 'l gewwa ghaliex "kullhadd jaf x'inhuma [Ta' Cens]" (vide fol 38).  Geroge Zammit dahal fil-vann u beda jirriversja meta instemgha jghid xi haga fil-konfront tal-imputat li dak il-hin telaq jigri fid-direzzjoni tal-vann, tela fuq il-bumper u beda jsabbat bil-pala t'idu fuq il-windscreen ghal xi erba darbiet;

Ikkunsidrat illi l-imputat ma jinnegax li mess il-vann tal-imputat, anzi jikkonfermah, u jinnega biss li hu ghamel il-hsara b'xi mazz ta' cwievet kif ukoll id-daqqa fuq il' quddiem tal-vann.  Ix-xhud indipendenti jikkonferma illi ma

ra xejn f'idejn l-imputat u inoltre spjega b'mod dettaljat il-komportament tal-kwerelant u ta aktar dettalji li hu halla barra fix-xhieda tieghu.  Ghalhekk il-Qorti ikollha taghti aktar pis lix-xhieda tal-imputat.  Inoltre, l-kwerelant ma gabx il-konferma tal-awtenticita' tal-istimi tal-hsarat Dok VC2.  Din il-konferma hija mehtiega aktar u aktar meta hemm korrezzjoni fuqhom li mhix inizjalata;

Ghalhekk, fuq dan il-konflitt u insufficjeza fil-provi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------